# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 6 ta' Mejju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1120/2022**

## Jeremy Mangion

**v**

## Anthony Pace u Anna Pace

**Daħla**

1. Is-sur Mangion jgħid li fit-22 ta' Novembru 2022, is-sinjuri Pace għalqu, bil-moħbi u bi vjolenza, l-aċċess li hu għandu għal sqaq f'Ħal Tarxien. Jsostni li dak li għamlu s-sinjuri Pace jiġi spoll, bi ksur tal-artikolu 535 tal-Kap. 16. Għalhekk talab, essenzjalment, dikjarazzjoni f'dan is-sens u ordni biex jerġa' jitqiegħed fil-pussess li kellu.

2. Is-sinjuri Pace jammettu l-ispoll. Iżda jgħidu li, dakinhar stess, kien is-sur Pace li spurga l-ispoll billi neħħa l-*bollard*.

3. Is-sinjuri Pace ressqu ukoll kontro-talba kontra s-sur Mangion. Jgħidu li huma għandhom tal-anqas dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq l-isqaq in kwistjoni u li, tul is-sena qabel ma

tressqet il-kontro-talba, is-sur Mangion kien qiegħed jipparkja karozzi fl-isqaq b'mod li kien qiegħed jostakola dan id-dritt t'aċċess. Għalhekk talbu dikjarazzjonijiet u ordnijiet ibbażati, skont ma jgħidu, fuq l-artikolu 534 tal-Kap. 16.

**Jekk tneħħix l-ispoll**

4. Fejn parti, bħas-sur Mangion fil-każ tagħna, tallega li ħaddieħor – hawn is-sinjuri Pace – ikunu għamlu dak li jissejjaħ spoll, jew att spoljattiv, irid juri li hu kellu pussess jew detenzjoni ta' ħaġa; u li dak il-pussess jew dik id-detenzjoni tneħħiet jew tnaqqset bil-moħbi jew bi vjolenza. U biex ma jitlifx id-dritt, irid jagħmel kawża biex jerġa' jitqiegħed fil-pussess jew detenzjoni fi żmien xahrejn mill-ispoll. Kif rajna, li seħħ l-ispoll kif allegat mhux kontestat mill-konvenuti; lanqas ma hu kontestat li l-ispoll seħħ fi żmien xahrejn qabel ma tressqet din il-kawża. Għalhekk, in effett, l-attur ma kellu bżonn iressaq l-ebda prova biex isostni l-każ tiegħu kif ressqu.

5. Id-difiża tas-sinjuri Pace hi li s-sur Mangion neħħa jew, kif jingħad, spurga l-ispoll meta, dakinhar stess li tqiegħed il-*bollard*, hu ħa l-liġi b'idejh u neħħih. Jżidu ma dan li ftit wara li neħħa l-*bollard*, reġa' qiegħdu fejn kien. Skond is-sinjuri Pace dan ifisser żewġ affarijiet: l-ewwel li l-ispoll tneħħa mis-sur Mangion stess u, wara, li kien l-istess sur Mangion li aċċetta l-pussess tal-konvenuti meta reġa' qiegħed il-*bollard.* Jsostnu li bl-għażla tiegħu, is-sur Mangion ma jistax isostni din il-kawża.

6. Kif rajna, is-sinjuri Pace jgħidu li meta, skont ma jgħidu, is-sur Mangion neħħa l-*bollard*, hu ħa l-liġi b'idejh. Jidher, mill-użu ta' din il-frażi, u anki mill-fatt li jirreferu għal azzjoni potenzjali mill-Pulizija, li huma ma qiesux dak li għamel is-sur Mangion bħala att ġustifikat skond il-prinċipju magħruf bil-Latin bħala *vim vi ripellere licet* jew, bil-Malti, li wieħed jista', leġittimament, jilqa' għall-użu tal-forza bil-forza. Dan il-prinċipju hu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna f'dan il-kuntest, fejn min ikun vittma ta' spoll jista' jneħħih b'idejh

dak il-ħin stess jew ftit wara.[1] Il-qorti jidhrilha li jekk, fattwalment, dak li jgħidu s-sinjuri Pace jirriżulta, il-konsegwenza pjuttost hi li s-sur Mangion kellu dritt li jimxi kif (allegatament) mexa; u mhux, kif jgħidu, li hu kien ħati ta' *ragion fattasi* jew, fi kliem ieħor, li ħa l-liġi b'idejh. Billi, milli jidher, la ttieħdu passi mil-Pulizija u billi l-punt mhux deċiżiv f'din il-kawża, din hi osservazzjoni *obiter*, iżda li dehret meħtieġa li ssir minħabba f'kif tressqet id-difiża.

7. Niġu għall-fatti. Is-sur Pace fisser dak li ġara fit-22 ta' Novembru 2022 f'para. 15 – 17 tal-affidavit tiegħu. Jgħidilna l-kliem preċiż li suppost qallu s-sur Pace; li avżah (lis-sur Pace) li jekk ma kienx ser ineħħih, kien ser ikollu jimxi bil-qorti; li kien għamel ukoll kwerela; u li '[m]inkejja dan kollu, il-*bollard* baqa' mweħħel, u ma kellix għażla ħlief li niftaħ il-kawża'.

8. F'rikors tat-29 ta' Novembru 2023, is-sinjuri Pace osservaw li fl-affidavit tas-sur Mangion dak allegat fir-risposta ġuramentata dwar it-tneħħija u tqegħid mill-ġdid tal-bollard 'ġie għal kollox sorvolat fl-affidavit tal-attur, li la ċaħad u lanqas ikkonferma' dak allegat. Skont is-sinjuri Pace l-aħħar paragrafu tal-affidavit tas-sur Mangion jista' jinqara bħala ċaħda, imma mhux bilfors.

9. Dan ir-rikors ġie miċħud għal raġunijiet ta' tmexxija tal-kawża; iżda l-punt sostantiv tas-sinjuri Pace jibqa' validu. Meta s-sur Mangion ħalef l-affidavit hu kien jaf bir-risposta

---

[1] Ara, fost oħrajn, *Carmelo Sant vs Gerolamo Deguara et,* Qorti tal-Appell, deċiża 25 ta' Jannar 1989, *Joseph Portelli vs Peter Paul Portelli,* Qorti tal-Appell, deċiża 2 ta' Lulju 2010. Il-ġurista Mattirolo li jispjega illi: "Certo la necessita' dell' attuale difesa autorizza l'assalito a ripellere vim vi, ad opporsi cioe' all'uopo con la forza, alla spogliazione che gli si minaccia, ed anche la teoria del confestim ossia dell'ex (o in) continenti, la quale si appogia aparecchi testi del diritto romano, ed e' pure ammessa dalla giurisprudenza moderna…Gli estremi necessari per potere repellere vim vi e cosi' rioccupare la cosa, sono tre: 1o. che ci sia stata violenza per parte dello spogliatore; onde in tema di spoglio clandestino no si applica mai l'in continenti; 2o. che la resistenza o la ricupera segua immediatamente (ex continenti, non ex intervallo); 3o. che essa avvenga nella stessa circostaza in cui succedette lo spoglio (in ipso congressu)." (Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, pag. 257)

ġuramentata u għalhekk wieħed kien jistenna pożizzjoni ċara mingħandu dwar allegazzjoni li, kif jgħidu s-sinjuri Pace, u kif joħroġ mid-difiża, fuqha tiddependi d-difiża tagħhom.

10. Dwar dak li ġara dakinhar tal-ispoll xehed, ironikament in kontro-eżami, inkwilin tal-fond tas-sinjuri Pace, is-sur Vincent Pisani. Hu stqarr li wara li s-sur Pace qiegħed il-*bollard,* is-sur Mangion l-ewwel qalagħha u, wara, reġa' waħħalha (ara traskrizzjoni, paġna 106 u verbal tat-3 ta' Ottubru 2024). Ma sar ebda suġġeriment lix-xhud li dan ma kienx minnu.

11. Warajh xehed is-sur Mangion u, għal darb'oħra, ma sar ebda attentat biex dak li qal is-sur Pisani jiġi kontradett.

12. Tirriżulta għalhekk prova ċara ta' dak allegat mis-sinjuri Pace. L-iktar li jista' jingħad għall-kuntrarju hu li s-sur Mangion ċaħad l-allegazzjoni f'para 17 tal-affidavit tiegħu; imma dan xejn ma hu konvinċenti. Kif intqal aktar 'l fuq, wieħed kien jistenna, mingħand is-sur Mangion, ċaħda ċara, u mhux stqarrija ekwivoka, dwar id-difiża ċentrali, anzi unika, tas-sinjuri Pace. Dak li ma qalx – mhux darba, imma darbtejn – jista' jitqies korroborattiv ta' dak li xehed is-sur Pisani.

13. Għalhekk il-qorti sejra tiċħad it-talbiet.

**Dwar il-kontro-talba**

14. Fil-premessi tal-kontro-talba hemm spjegat, b'mod ċar, il-pretensjoni ta' pussess li għandhom is-sinjuri Pace sa fejn, skont huma, hi rikonoxxuta mis-sur Mangion. Hemm spjegat ukoll x'inhi l-pretensjoni tas-sur Mangion– li jipparkja vetturi - li tista' tnaqqas jew iġġib fix-xejn il-pretensjoni tas-sinjuri Pace. Iżda ma hemm ebda allegazzjoni li seħħet molestja, u lanqas meta saret. L-allegazzjoni tinstab fit-tieni talba fejn il-qorti ntalbet tiddikjara li reċentement, u speċifikament matul l-aħħar sena, is-sur Mangion ripetutament ipparkja l-vetturi tiegħu b'mod illi ostakola l-pussess tas-sinjuri Pace.

15. L-għażla li l-allegazzjoni ċentrali ma tiġix inkluża fil-premessi mhix preċiżament ortodossa; u forsi tqajjem kwistjoni ta' kemm jistgħu jitressqu talbiet mfassla b'dan il-mod.

Iżda l-punt ma tqajjimx mis-sur Mangion u, fi kwalunkwe każ, it-talba sejra tiġi miċħuda fuq bażi oħra, u għalhekk ma teħtieġx li tiġi studjata.

16. Is-sur Mangion jgħid, fost affarijiet oħra, li jonqsu l-elementi kemm tal-pussess u kif ukoll tal-molestja. Minn dak li rriżulta mis-smigħ, il-każ tiegħu dwar in-nuqqas, min-naħa tas-sinjuri Pace, ta' pussess hu mibni fuq dikjarazzjoni li hemm f'wieħed mill-kuntratti li bih akkwistaw il-fond tagħhom, fis-sens li l-bibien fil-fond tas-sinjuri Pace li jagħtu għal fuq l-isqaq kienu magħluqa (ara paġna 41). Dak li hemm fil-kuntratt ġie miċħud kemm mis-sur Pace u kif ukoll mis-sur Pisani, l-inkwilin (li, kif wieħed kien jistenna, ma kienx jaf b'dak li ngħad fil-kuntratt). Fl-affidavit tiegħu, is-sur Mangion jgħid li xtara l-isqaq soġġett għal servitù ta' passaġġ bir-riġel favur il-proprjetà tas-sinjuri Pace 'għaliex hemm biex illi jagħti għal fuq dan l-isqaq'. Jkompli jgħid li 'wara xi żmien, kien ġie f'idejja kuntratt illi jgħid li dan il-bieb ... suppost kellu jingħalaq.' Iżda ma jgħidx li hu, jew li qatt kien, magħluq. Għalhekk, il-qorti ssib li, minkejja d-dikjarazzjoni li hemm fl-imsemmi kuntratt, is-sinjuri Pace kellhom il-pussess li jallegaw fil-kontro-talba.

17. Iżda s-sinjuri Pace ma ressqux prova ta' molestja fis-sena qabel ma tressqet il-kontro-talba tagħhom. Ressqu ritratt (AP3, paġna 44) iżda ma hemm ebda prova ta' min ipparkja l-karozzi hemm, ebda indikazzjoni ta' meta ttieħed ir-ritratt, u minn min ittieħed. U ma hemm ebda xhieda jew prova oħra li tista' ssostni l-allegazzjoni.

18. Għalhekk, l-azzjoni tagħhom ma ġietx ippruvata.

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet tas-sur Mangion u t-talbiet fil-kontro-talba tas-sinjuri Pace.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Henri Mizzi

Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur